MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 290/2008

**Cons Trading Limited (C 8995)**

**vs**

**Alan Borg**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenut hlas ta' elf seba` mija u disgha u erbghin ewro u tmienja u hamsin ewro centezmi (€1749.58) rapprezentanti bilanc fuq bejgh ta' merkanzija debitament konsenjata lilu.

Bl-ispejjez legali u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-fatturi relattivi sa llum kontra l-konvenut li hu minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti illi fid-19 ta' Mejju, 2008 giet prezentata nota ta' riduzzjoni tat-talba u b'hekk is-sorte gie ridott ghal elf, hames mija, disgha u erbghin Ewro u tmienja u hamsin centezmi (€1549.58.)

Ra mill-atti li ghalkemm il-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat. Huwa ipprezenta nota fid-19 ta' Mejju, 2008 fejn ammetta t-talba.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici f'somma ridotta ghal elf, hames mija u disgha u erbghin ewro u tmienja u hamsin centezmu €1549.58, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------